**Minuti tas-Sebgħa u Għoxrin (27) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 4 ta' Marzu 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Il-Perit Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

***Skużati għal-Laqgħa:***

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |

Is-Sindku ppreżentat e-mail hawn annessa mibgħutha mill-Viċi-Sindku fejn skuża ruħhu li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba impenji familjari u ta' xogħol. Il-Kunsill aċċetta dawn ir-raġunijiet. Skużati mil-laqgħa

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitta u Ghoxrin (26) Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tas-Sitta u Għoxrin (26) Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. Wara li saru l-korrezzjonijet meħtieġa dawn ġew approvati u ffirmati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 26

2.00 **Punti Mqajma (Laqgħa 26)**

2.01 Ġie ffissat appuntament bejn il-Kunsill, id-Direttur gżal-Gvern Lokali u l-avukat tal-Kunsill. 5% *management fee*

2.02 L-applikazzjoni għal din l-iskema ġiet sottomessa. Memo 21/2010 Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi żgħar.

* Il-Kunsillier Peter Abela daħal fil-kamra.

2.03 Giet ippreżentata risposta għall-Memo 23 li tinsab hawn annessa. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Alfred Grima, il-Kunsill qabel li għandha tingħata donazzjoni lill-Kunsill mill-MEPA sabiex dawn l-avviżi jitwaħħlu fuq in-*notice boards* li jsiru għodda għal dan il-għan. Memo 23: Avviżi tal-MEPA dwar Aplikazzjonijiet għal Żvilupp

2.04 Se jkun rikostitwit forum immexxi mis-Sindku li għalih jattendu wkoll il-kunsilliera. Forum

2.05 Saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn il-Kunsill ġie infurmat li qieghda tinħadem strateġija sabiex jinġabar l-iskart tal-istabbilimenti. — Memo 28/2010 – strateġija Nazzjonali dwar l-Immaniġjar tal-iskart.

2.06 Il-laqgħa ġiet imsejħa u aktar tard dan ix-xahar ser tingħata lista ta' skeda ta' xogħolijiet kif ukoll, jekk tinħass il-ħtiega, ser issir żjara fuq il-lant tax-xogħol. — Laqgħa ELC

2.07 L-attivita' kienet organizzata mis-Sindku u mill-Kunsillier Frank Gauci, li kien iddikjara li ser jgħin fl-organizazzjoni imma ma setax ikun preżenti għall-attivita'. Kien hemm preżenti għall-attivita' s-Sindku u l-Kunsillier Mario Camilleri. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-Kunsill għandu jirringrazzja lill-Każin tal-Banda tal-appoġġ. — Karnival 2010

2.08 Ir-risposta tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali hija li siġar jistgħu jingħataw permezz ta' attivita' li tista' issir flimkien mat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar. — Siġar

2.09 L-irċevuti mitluba mill-Każin Banda San Pawl abbinati max-xogħol tal-latrina ġew ippreżentati. — Irċevuti

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref:55/1731/10/l:** Il-Kunsill irċeva korrispondenza mingħand persuna interressat li jikkwota għall-*welcome borads* fejn ikkritika lill-Kunsill li għas-sejħa tal-offerta ingħata biss karta ta' kwotazzjoni. Dan il-persuna ġie nfurmat li din kienet sejħa għal kwotazzjoni u sar kollox skont il-proċedura. — Kwotazzjoni: *Welcome Boards*

3.02 **Ref:55/1386/10/l**: Sar it-tieni workshop li għalih attenda l-Kunsillier Raymond Tabone, fejn informa lill-Kunsill li l-workshop kien interessanti, u ġie mitlub jagħmel *health check* fl-akkwata turistika ta' Bugibba u l-Qawra. Fix-xhur li ġejjin ser isir *workshop* ieħor. — *Town Centre Management*

3.03 **Ref:55/1767/10/l:** Il-Kunsill ġie nnfurmat li b'vot unanimu waqt il-laqgħa tas-Sindki li nżammet fi Frar 2010 ġie deċiż li l-ipproċessar tal-kawżi tal-MEPA mit-Tribunal rispettivi ġew sospiżi u li l-kunsilli ġew mitluba sabiex ma jaċettawx ħlasijiet ta' penali relatati ma' kontravenzjonijiet tal-MEPA. Il-ħaddiema tal-Kunsill ġew infurmati b'dan. — Ħlasijiet pendenti mill-MEPA

3.04 **Ref:55/1846/10/l:** Giet ippreżentata id-deċiżjoni finali li waslet dalgħodu abbinata mal-appell tal-offerta SPBLC 10/2009 – Tindif u Attendenza ta' Latrini Pubbliċi li tinsab hawn annessa, fejn ġie nnutat li l-Kunsill ma kienx preżenti għal din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport għal dan in-nuqqas. Il-Kunsillier Mario Camilleri staqsa min ser jerfa' din ir-responsabilta'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-informazzjoni li għandha s'issa hija propju hekk kif ippreżentata fir-rapport tagħha (hawn mehmuż). — Appell tal-offerta SPBLC 10/2009

Gie nnutat ukoll li fuq parir tal-avukat mogħti lis-Sindku, ir-rappreżentanti tal-Każin tal-Banda ġew infurmati li mhux meħtieġ li jattendu.

* **Il-Kunsillier Raymond Bartolo daħal fil-Kamra.**

Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-avukat li jinsab imsiefer, kif ukoll lis-sostitut tiegħu bid-deċiżjoni tal-appell, fejn irrisponda li minkejja li kien hemm xi taħwida bil-ħin, issuġġerixxa li jimxi strettament mal-kuntratt u mal-ewwel nuqqas jittieħdu passi. Talab ukoll li ngħaddulu kopja tal-kuntratt ħa jagħtih daqqa ta' għajn; kopja tal-kuntratt ġie mgħoddi lilu permezz ta' e-mail. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv irrispondietu li ma fehmitux u ċemplilha sabiex jgħidilha li "id-deċiżjoni tal-bord tal-appell, irrelevanti jekk kienx hemm rappreżentanza tal-Kunsill jew le sabiex tissottometti l-veduti konkreti tagħha hija bbażata fuq LN 177/2005 li jgħid li offerta għandha tingħata lill-orħos offerent sakemm ma jkunx hemm kundizzjonijiet oħra. Ir-rakkomandazzjoni tiegħu hi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi li jirrevoka dak l-*award* dwar dan il-kuntratt." Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet e-mail lill-avukat biex titolbu jikkonferma dak li qalilha, iżda risposta sa dal-ħin ma waslitx.

Abbażi li ma kienx hemm parir tal-avukat bil-miktub, ġie deċiż li l-Kunsill jitlob parir legali, fejn l-istess avukat, għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill għandu jingħata risposta mid-Dipartiment fi żmien sebat ijiem u jekk ikun il-każ jieħu t-tieni parir legali . Ġie nnutat ukoll li kien hemm xi ineżattezzi fil-kontenut tal-ittra tal-appell, fosthom li s-somma ta' € 18 169 tal-kuntratt imsemmija kienet ta' tlett snin meta fil-fatt kien ammont għal kull sena. Kien hemm ukoll ineżattezza fejn ġie spjegat mill-avukat tal-appellant li kien hemm offerta oħra li kienet orħos u li ġiet skwalifikata peress li ma kienx hemm *breakdown* tal-*bill of quantities.* Il-Kunsill ikkonferma li dan mhux minnu għaliex dan ġie skwalifikat peress li dan ma ppreżentax in-*non-collusive tendering document* mimlija.

Il-Kunsillier Mario Camilleri reġa' tenna li skont il-liġi, ir-responsabbilta' hi tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li hi tiddelega x-xogħol lill-ħaddiema rispettivi.

Il-Kunsillier Peter Abela ippropona li l-kuntratt jibqa' fis-seħħ kif inhu sakemm isiru l-verifiki meħtieġa mill-avukat. La darba jkollna risposta, jekk ikun hemm bżonn, għandha tissejjaħ laqgħa b'urġenza. Issekondat din il-proposta s-Sindku Graziella Galea. Il-proposta għaddiet *Nem Con*.

Il-Kunsiller Ray Bartolo staqsa dwar jekk kuntratt għandux jiġi ffirmat la darba hemm appell. Is-Sindku rrispondiet li meta qabel kien hemm appell dwar l-għoti tal-offerta tal-avukat, il-Kunsill kien mitlub jipproċedi bl-iffirmar tal-kuntratt. Gie deċiż li niċċekkjaw dwar dan.

* **Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-Kamra.**

3.05 **Ref:55/1533 /10/I:** Il-Kunsill applika għall-proġett ta' skambju ta' żgħażagħ għall-iSlovakja. — Skambju taż-żgħażagħ.

3.06 **Ref:55/1552/10/I:** Il-Kunsill applika għall-proġett tas-skambju ta' żgħażagħ għall-Bulgarija. — Skambju taż-żgħażagħ.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

3.07 **Ref:55/1116/10/I:** Il-Kunsill approva li r-rata fis-siegħa għall-ħlas tal-librar ta' kull nhar ta' Sibt li żdiedet b'rata ta' € 0.24 fis-siegħa. — Ħlas tal-librar.

3.08 **Ref:55/0972/10/I:** Giet ippreżentata Memo 30 dwar avviż legali dwar il-Bord ta' Governanza (hawn annessa). — Memo 30 – Bord ta' Governanza.

3.09 **Ref:55/1567/10/I:** Giet approvata l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill għall-iSkema għall-Inizzjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali, fejn ser isiru korsijiet fl-Aerobics, Pilates, Għawm, Aqua Aerobics u Multisport. — Skema għall-Inizzjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali.

3.10 **Ref:55/1208/10/I:** Il-Kunsill approva li għal dan il-proġett, fost suġġerimenti oħra, jiffoka fuq it-turiżmu u fuq dawl b'enerġija solari f'Misraħ il-Bajja kif ukoll fil-*playing fields*. Is-suġġerimenti għandhom jiġu sottomessi fil-laqgħa li jmiss. — Memo 33 – Fondi Ewropew għall-iżvilupp Reġjonali (FEZR) 2007-2013

3.11 **Ref:55/1176/10/I:** Il-Kunsill approva l-istima ta' € 34 400.27 abbinata ma' bdil ta' servizzi fi Triq L-Imsell, fi Triq id-Domen kif ukoll fi Triq it-Trunċiera liema xogħol għandu jsir qabel ma jingħata t-tarmak f'dawn it-toroq. — Triq id-Dolmen, Triq l-Imsell u Triq it-Trunċiera.

3.12 **Ref:55/0326/10/I:** Il-Kunsill approva is-servizz ta' żewġ gwardjani għall-attivita' tas-sittax il-edizzjoni tat-Tour ta' Malta, organizzata mill-*Malta Cycle Federation* flimkien ma' xi trophies, medalji, fjuri u xampanja li ser issir fit-tmintax ta' Marzu 2010. — *Tour* ta' Malta

3.13 **Ref:55/1213/10/I:** Il-Kunsill Lokali Għarb, ser jorganizza logħba ta' *Tug of War* bejn l-20 u l-21 ta' Marzu 2010 u qed jistieden lill-parteċipazzjoni ta' għaqdiet tal-lokal taħt l-emblema tal-Kunsill, bi premju ta' flus lill-finalisti u premijiet oħra ta' konsolazzjoni. L-għaqdiet tal-lokal ġew mistiedna biex jipparteċipaw. — *Tug of War*

3.14 **Ref:55/1000/10/I:** Tressqet proposta sabiex il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal sanzjoni għall- — PA 04288/09

kostruzzjoni ta' Kiosk ta' Tanti Junior Paradise Kiosk fi Triq San Gilardu. Il-Kunsillier Alfred Grima qal kif jista' ma joġġezzjoni għall-estensjoni mingħajr permess. Is-Sindku spjegat li hu qed jitlob permess għal sanzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li r-risposta trid tasal sa mhux aktar tard mit-8 ta' Marzu 2010. Ittieħed vot favur il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din is-sanzjoni li ġie hekk:

Favur: Is-Sindku Graziella Galea, il-Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Mario Camilleri u Martin Zerafa.

Kontra: Il-Kunsilliera Alex Bezzina, Jason Camilleri, Alfred Grima u Raymond Tabone.

Astensjoni: Il-Kunsillier Frank Gauci

Il-proposta għaddiet.

3.15 **Ref:55/0443/09/I:** Il-Kunsill ippropona li ma jkunx hemm oġġezzjoni sabiex issir estensjoni ta' bankina quddiem binja fi Triq il-Luzzu li ser isservi bħala residenza tas-Sajf għar-residenti ta' Dar il-Providenza. Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot li ġie hekk: PA 5228/09

Favur: Is-Sindku Graziella Galea, il-Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Mario Camilleri, Frank Gauci u Martin Zerafa.

Kontra: Il-Kunsilliera Alex Bezzina, Alfred Grima u Raymond Tabone u Jason Camilleri

Astensjoni: Ħadd

Il-proposta għaddiet.

3.16 **Ref:55/1372/10/I:** Fis-16 u 17 ta' Novembru 2010, se ssir konferenza internazzonali dwar il-ġemellaġġi li għaliha ġew mistiedna l-imsieħba ġemellati jew li magħhom xi kunsill ikollu ftehim ta' koperazzjoni. Memo 37: Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi

3.17 **Ref:55/1553/10/I:** Is-Sindki ġew mistiedna sabiex fl-4 ta' Mejju 2010 jattendu għall-iffirmar tal-Patt tas-Sindki ġewwa Brussell. Il-Kunsill approva l-ħlas tat-titjira u trasport, l-akkomodazzjoni u l-allowance għall-ispejjez tas-Sindku għal din l-attivita'. Patt tas-Sindki

3.18 **Ref:55/1412/10/I:** Il-pulizija rrappurtaw li xi vandali, mhux identifikati, kissru madwar tlettax-il fanal matul il-promenade. Vandaliżmu

3.19 **Ref:55/1433/10/I:** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz tal-uffiċjal inkarigata miċ-Centru ta' Matul il-Jum li qed ikun hemm xi problemi fit-tmexxija konġunta ta' dan iċ-ċentru flimkien mal-iskawts. Użu ta' Ċentru ta' Matul il-Jum

3.20 **Ref:55/1493/10/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-filming fil-Qawra li għalih il-Kunsill se jirċevi donazzjoni ta' €120. Filming

3.21 **Ref:55/1539/10/I:** Saret referenza għall-Artiklu 18 tal-Att Dwar il-Kunsilli Lokali kif ukoll l-attendenza, hawn mehmuża, tal-kunsilliera għal-laqgħat għal dawn l-aħħar sitt xhur. Jekk kunsillier m'attendiex għal dawk in-numru ta' laqgħat imsemmija fl-artikolu 18, il-każ tiegħu irid l-ewwel jiġi diskuss mill-Kunsill fejn il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk tali nuqqas ta' attendenza kienx "għal raġuni ġustifikata". Meta tintbagħat lill-Ministru, permezz tad-Dipartiment, wieħed irid ukoll jindika x'inhi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Attendenza ta' Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill

Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li r-raġuni bil-miktub mill-kunsilliera li ma setgħux jattendu dejjem ġiet meħuda bħala ġustifikata mill-Kunsill.

* Il-Kunsillier Peter Abela skuża ruħhu u rtira mill-kamra.

3.22 **Ref:55/0493/10/I:** Il-Kunsill se japplika għall-programm ewropew Eduwear. Proġett Eduwear

* **Il-Kunsilliera Mario Camilleri u Alfred Grima ħarġu mill-kamra.**

3.23 L-offerta tal-avukat li bi żvista ma ġietx inkluża fl-aġenda waslet biex tiġġedded għat-tieni sena. — Tender għal Servizz ta' Konsulenza Legali

Il-Kunsilliera Mario Camilleri u Alfred Grima daħlu fil-kamra.

Saret diskussjoni dwar ħidmet l-avukat fejn il-Kunsill ġie nfurmat li sar progress fuq ix-xogħol pendenti min-naħa tiegħu.

Il-Kunsillier Mario Camilleri ppropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded. Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot li ġie hekk:

Favur: Il-Kunsillier Peter Abela, Ray Bartolo, Alex Bezzina, Mario Camilleri, Jason Camilleri, Alfred Grima, Raymond Tabone u Martin Zerafa.

Kontra: Ħadd

Astensjoni: Is-Sindku Graziella Galea (abbażi li huwa uffiċjal tal-partit) u l-Kunsillier Frank Gauci.

Il-proposta għaddiet.

3.24 **Ref:55/1107/10/I:** Il-Kunsill approva li jorganizza tournament tal-biljard flimkien mal-Kummissjoni Żgħażagħ Pawlini tal-Każin Banda San Pawl fejn il-Kunsill ser jisponserja *shield* li tintiret minn sena għal oħra mir-rebbieħ kif ukoll trofej lill-ewwel tlett rebbieħa. — Tournament tal-*Billiard*

## 4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol

(a) L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Frar 2010 ammontat għal €7 368.55. — Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

(b) L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Frar 2010 ammontat għal €45 451.60 li ġiet approvata hekk kif ippreżentata. — Rendikont ta' Ħruġ ta' Fondi

Saret referenza għall-kont tar-*Resolving Consultant* Limited fejn il-Kunsillier Alfred Grima oġġezzjona għax dan is-*Safety Report* mhux komplet u ma jagħtix dettalji ta' eżempju kemm jifilħu l-ktajjen. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li dan ir-*risk assessment* sar biex inkunu konformi mal-*warranty* elenkata fl-offerta tal-assikurazzjoni. Jekk jiġri xi aċċident il-Kunsill ma jkunx kopert. Is-Sindku qalet li għandna nibqgħu għaddejin bit-twettiq ta' dan ir-rapport.

Il-Kunsillier Mario Camilleri ġibed l-attenzjoni għall-kont tat-tabib rigward żjajjar lill-impjegati tal-Kunsill minħabba leave b'mard fejn hemm indikat li meta żar impjegata ħadd ma rrisponda. Gie deċiż li niċċekkjaw mad-dipartiment x'għandu jsir f'dan il-każ.

Ġiet ippreżentata wkoll skeda addizzjonali li ammontat għal €27 531.38. Din l-iskeda ġiet approvata hekk kif ippreżentata.

* **Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.**

(c) Il-Kunsill approva l-lista ta' ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Frar 2010 li ammontat għal €10 376.23. — Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol

Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

**Is-Sindku Graziella Galea ħarġet mill-kamra.**

Is-Sindku Graziella Galea daħlet fil-kamra.

## 5.00 Business Plan 2010 - 2012

Il-Kunsill approva il-*Business Plan* hawn mehmuża.

6.00 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Jason Camilleri bis-suġġett : Proġett għar-Riġenerazzjoni ta' San Pawl il-Baħar.**

Il-Kunsillier Alfred ressaq il-mozzjoni hawn mehmuża bis-suġġett hawn imsemmi fejn qal li permezz ta' dan il-proġett tittella' attivita' li mhux se tkun attivita' li ssir darba u hi l-ħolma tiegħu li din tkun it-timbru ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Kunsillier Martin Zerafa staqsa għalxiex qed jitob ammont ta' €50 000 għal din l-attivita'.

* Il-Kunsillier Martin Zerafa ħareġ mill-kamra.

Is-Sekondant Jason Camilleri qal li ser jintefqu f'riklamar, trofej u preparamenti oħra.

* Il-Kunsillier Martin Zerafa daħal fil-kamra.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.

Il-Kunsillier Raymond Tabone ippropona li ssir emenda u l-ispiża għandha tinżel għal €35 000.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

Il-Kunsillier Ray Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-allokazzjoni tkun *ring fenced*.

* Il-Kunsillier Peter Abela u Mario Camilleri daħlu fil-kamra.

Il-Kunsillier Frank Gauci iddikkjara li jaqbel mal-kunċett. Semma' li Azzopardi Fisheries kienu nteressati li jorganizzaw tlielaq tad-dgħajjes u ssuġġerixxa li meta tinħareġ skema tal-attivitajiet kulturali, il-Kunsill għandu japplika għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li jaqbel mal-proġett u staqsa kemm hu possibli li jippreżenta budget.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li ma jistax jagħti budget ta' x'se jagħmel il-bord.

Il-Kunsillier Martin Zerafa issuġġerixxa li jingħaqad mal-attivita' tal-Luljufest.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li ma jkunx possibli għal din is-sena għax l-attivita' wisq fil-qrib.

Il-Kunsillier Peter Abela jaqbel li jiġi inkluż ikel Malti, attivita' tas-sajd, water sport, festival tal-ħut u kultura li għandha tibda' b'jumejn u 'l quddiem jiżdied u li għandu jkun taħt il-patroċinju tas-Sindku u jiġi ppreżentat pjan ta' *budget plan*.

Il-Kunsillier Peter Abela ippropona li ssir emenda u li jmexxu fil-mozzjoni mingħajr budget, wara li jiltaqa' l-bord li jiġi ffurmat mis-Sindku, mill-Kunsilliera Alfred Grima u Frank Gauci.

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Alfred Grima. Il-proposta għaddiet Nem Con.

7.00 **Skema ta' Skart Separat**

Wara li l-Kunsill ikkunsidra l-preżentazzjoni tal-Greenpak u tal-Green MT, il-Kunsill approva l-proposta tal-Green MT abbażi li hija akta vantaġġjuża għar-residenti u dan suġġett li jkun hemm qbil li jintuża l-istess kuntrattur li jiġbor skart domestiku tal-lokal. Il-bring-in-sites taħt din l-iskema se jkunu mmeniġjati mill-Wasteserv.

8.00 **Infetħu l-kwotazzjonijiet hekk kif ġej:**

**Il-Kunsillier Alfred Grima ddikjara kunflitt ta' interess.**

| ***Funtana Burmarrad*** | | |
|---|---|---|
| ***Isem*** | ***Adress*** | ***Ammont*** |
| P. Attard - AFS Ltd. | Mdina Road, Attard, ATD 9039 | Opt. A - €4658 (Inc. VAT)<br>Opt. B - € 5149 (Inc. VAT) |
| ***Post fejn jinżammu l-korsijiet*** | | |
| ***Isem*** | ***Adress*** | ***Ammont*** |
| Francis Fenech | 14, Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar, SPB 1924 | € 40 daily |
| Joseph Quattromani | The Play House, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar | € 300 monthly (VAT cannot charged since playhouse is exempt from VAT) |
| Joseph Vella | 58A, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar (opp. of Parish Church) | € 9,000 per annum for the first 3 years di fermo with an addition of 10% every 3 years there after. |
| Alfred Grima | 52, Triq l-10 ta' Frar, Bugibba SPB 1123 | € 44 daily |
| Tyrone Borg | 557/558, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar | € 50 daily |
| Doris Grima | "Le Papillon" Triq il-Kahli, San Pawl il-Bahar | 40 |

12.00 **Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li skadal l-ħin, il-laqgħa ġiet sospiża għall-Ħamis 18 ta' Marzu 2010 fil-5.30pm.

***Perit Graziella Galea** B.E.&A. (Hons), M.Sc. (Road Eng.), A.&C.E.*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

29 ta' Marzu 2010 ref: 55 / 2684 / 10 / Orc